# Stefano Zerafa 'Botanist' 1791 - 1871

**Mis-Sur Brian Camilleri**





Għeżiż ħbieb reġgħet għaddiet sena oħra bl-għajnuna t'Alla, u wasal dan iż-żmien sabiħ tas-sena fejn niċċelebraw il-festa f'ġieħ il-patrun tagħna. Grazzi għall-ħbieb tal-Għaqda tan-Nar li jagħtuna ċ-ċans naqsmu magħkom xi ħsibijiet. Din is-sena ħsibt li nerġa' nlaqqagħkom ma' personaġġ mill-Għargħur li għamel ġieħ lir-raħal tagħna u lil pajjiżna.

Huwa unur għal raħal żgħir bħal tagħna li welled ġewwa fih nies li b'xogħolhom għamlulna unur. Forsi ġieli smajt bih jew għaddejt mit-triq imsemmija għalih forsi ma tajtx każ kemm dan il-bniedem huwa importanti għal Malta kollha.

Stefano Zerafa twieled fir-raħal tagħna fid-9 t'Ottubru 1791. Ftit li xejn insibu fuq tfulitu, nafu imma li ta' eta żgħira kien diġa mħeġġeġ għall-istudju u għalhekk il-ġenituri tiegħu tawh edukazzjoni xierqa u bagħtuh jitgħallem il-Belt Valletta. Nafu wkoll li meta temm l-istudji tiegħu mar jgħix m'oħtu ż-Żurrieq sakemm ħa l-istat tiegħu taż-żwieġ u mar joqgħod il-Belt Valletta.

Bejn l-1815 u l-1856 kien Professur fil-mediċina, fil-filosofija u fil-pataloġija. Kien ukoll professur fl-istorja naturali fl-Università ta' Malta. F'dan iż-żmien ukoll kien imexxi l-ġnien mill-isbaħ tal-Argotti fil-Furjana.

Il-Professur Zerafa kien kollezzjonist ta' pjanti li nsibu biss fil-gżejjer Maltin u wirt kbir li ħalla huwa l-ktieb tiegħu dwar il-Flora Maltija; dan bdieh fl-1827 u lestieh fl-1831.

Pero, l-aktar ħaġa li għaliha jibqa' msemmi dan il-personaġġ mill-Għargħur, hija l-iskoperta li għamel tal-pjanta nazzjonali ta' pajjiżna, li hija Widnet il-Baħar. Din il-pjanta nsibuha tikber fuq l-irdumijiet tan-nofsinhar u l-punent ta' Malta u Għawdex. Widnet il-Baħar tħaddar is-sena kolha u għandha weraq imlaħħam u mill-aħħar ta' Mejju sa Lulju tagħmel il-fjuri.

Kienet is-sena 1827 meta din il-pjanta ġiet magħrufa għall-ewwel darba mill-Botaniku Stefano Zerafa li taha l-isem xjentifiku Centaurea Spathutala. Però dan l-isem ma setgħax jinżamm minħabba l-fatt li ma kienx jaqbel mal-mod ta' kif jitolbu r-regoli biex jingħataw l-ismijiet lill-pjanti. Kien fis-sena 1975 wara ħafna studju mill-Botaniku Ċekoslovakk Josef Dostal li din il-pjanta ngħatat status ġdid u ġie maħluq għaliha l-ġeneru Paleocyanus għall-fatt li m'għandha l-ebda relazzjoni mill-qrib ma' pjanti oħra.

Hija meqjusa bħala waħda mill-pjanti li kienu jeżistu mill-qedem. L-isem xjentifiku tagħha llum huwa Paleaocyanus Crassifolius. Il-Widnet il-Baħar hija speċjali għaliex ma tinsab imkien aktar fid-dinja, ħlief fil-gżejjer Maltin. Ġiet dikjarata bħala l-pjanta nazzjonali ta' Malta fis-sena 1971.



Ħbieb, għalhekk għandna għalfejn inkunu kburin li mir-raħal tagħna ħarġu nies li bil-ħidma tagħhom taw kontribut sħiħ għal pajjiżna u m'għandna ninsew qatt lil dawn il-personaġġi u għandna nkunu grati lejn min ħallielna wirt hekk kbir. Kif ukoll għandna nibżgħu għall-flora li tikber madwar il-gżejjer tagħna.

Stefano Zerafa ħalla din id-dinja fil-25 ta' Marzu 1871 u ġie midfun fil-Knisja Arċipretali taż-Żurrieq. Minn qalbi nawguralkom festa mill-isbaħ f'ġieħ u qima lejn il-patrun tagħna San Bartilmew.